MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 685/2009

**Dr. Johann Debono B.A., LL.D., detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 466881 (M), bhala mandatarju specjali tas-socjeta` Freight Express s.r.l. li ghandha n-numru ta' registrazzjoni taghha 327221/8121/21**

**vs**

**Is-Socjeta` Kummercjali Advance Shipping Limited, li ghandha n-numru ta' registrazzjoni taghha C - 18421**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat il-15 ta' Gunju, 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti nomine harrek lis-socjeta` ntimata biex twiegeb ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1. Tinibixxi lis-socjeta` ntimata fuq indikata milli tbiegh, tnehhi, titrasferixxi jew tiddispondi inter vivos kif mitlub fit-talbiet tar-rikorrenti nomine li taw bidu ghall-procedura odjerna, (ara fol 2);

2. Tiddikjara u tikkonferma li s-socjeta` ntimata fuq indikata hi debitrici tas-socjeta` Freight Express s.r.l. ghas-somma ta' wiehed u hamsin elf, mija u tmenin Ewro u tmienja u erbghin centezmu, (€51,180.48);

3. Tikkundanna lill-istess socjeta` ntimata ndikata tersaq ghall-hlas effettiv indikat fil-paragrafu precedenti;

4. Taghti kull rimedju xieraq u necessarju biex jigu protetti l-interessi finanzjarji tas-socjeta` Freight Express s.r.l.;

5. Bl-ispejjez, kif indikati fl-istess talba rilevanti fir-rikors promotur;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tar-rikorrenti nomine datat it-23 ta' Marzu, 2010, li permezz tieghu:

1. Irrinunzja ghall-ewwel (1) talba tieghu, senjatament dik rigwardanti l-inibizzjoni minnu mitluba;

2. Talab korrezzjoni rigwardanti t-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet tieghu senjatament illi l-ammont dovut ghandu jkun dak hemm korrett u ndikat fit-talba numru tnejn (2) fuq indikata, liema ammont gia` kien depozitat fir-Registru tal-Qorti mis-socjeta` ntimata u sussegwentement sekwestrat;

Ezaminat ix-xhieda prodotta quddiem din il-qorti diversament preseduta;

Ezaminat id-dokumenti kollha pprezentati;

Ikkonstatat li s-socjeta` ntimata kienet debitament notifikata permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni kemm fil-gazzetta tal-Gvern kif ukoll f'gurnal iehor skont il-ligi;

Tirileva li s-socjeta` ntimata baqghet kontumacja;

Ikkunsidrat:

Illi l-mandatarju specjali rikorrenti nomine li kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont pretiz mis-socjeta` li qed jirrapprezenta, ghadu lilha dovut nonostante l-procedura odjerna u l-proceduri l-ohra precedenti ghall-istess;

Illi nonostante li jidher li kien hemm trattattivi bejn il-partijiet biex jinhall l-istall li kien hemm bejniethom u nonostante l-buona fede murija mill-imsemmi mandatarju specjali li rrilaxxa numru ta' "*trailers*" kolpiti b'mandat appozitu, is-socjeta` ntimata xorta ma hallsitx l-ammont minnha dovut fuq indikat lis-socjeta` kif rapprezentata mill-mandatarju specjali fuq indikat;

Illi effettivament jirrizulta assodat li s-socjeta` ntimata ghadha sal-lum ma hallset l-ebda parti mill-ammont minnha dovut kif fuq sintetikament espost;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tal-atti kif fuq sintetikament elenkati, din il-qorti m'ghandhiex ragunijiet ghalfejn ma takkoljix it-talbiet tar-rikorrenti nomine, u konsegwentement:

1. Tiddikjara li s-socjeta` ntimata fuq indikata hi debitrici tas-socjeta` Freight Express s.r.l. kif rapprezentata f'dawn l-atti mill-mandatarju specjali Dr. Johann Debono fl-ammont ta' wiehed u hamsin elf, mija u tmenin Ewro u tmienja u erbghin centezmu, (€51,180.48);

2. Tikkundanna lill-istess sosjceta` ntimata fuq indikata biex thallas l-ammont likwidat fil-paragrafu precedenti lill-imsemmija Freight Epress s.r.l. kif rapprezentata mill-mandatarju specjali hemm ukoll indikat;

3. Bl-ispejjez kif mitlub fir-rikors promotur, (ara fol 3), u bl-imghaxijiet kummercjali skont il-ligi dekorribbli mill-15 ta’ Lulju, 2009, sad-data tal-effettiv pagament.

____________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------